MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 236/2010

AB
Vs
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-esponenti zzewweg lill-konvenuta fis-sebgha (7) ta’ Ottubru tas-sena 2002, fir-Registru taz-Zwigijiet, il-Belt, Valletta, liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru taz-Zwigijiet bin-numru 143/2002 u dan kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok A.

2. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha

impossibbli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

3. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

4. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress illi l-kunsens ta’ l-attur inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-konvenut illi mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja konjugali.

5. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini ta’ l-artikolu 19 (1)(c) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talab ghar-ragunijiet premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-sebgha (7) ta’ Ottubru 2002, huwa null u minghajr effett legali ai termini ta’ l-artikolu 19 subartikolu (1) paragrafi (c), (d) u (f) ta’ l-Att XXXVII ta’ l-1975 dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255).

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat in-nota tal-kuratur deputat deputat Mohamed Goma tal 11 ta’ April, 2012 li permezz taghha qieghed jaderixxi u jammetti ghat-talbiet attrici (fol 21 tal-process);

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-avukat difensur tal-attur jittratta;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attur Jason Galea u l-intimata assenti Nicoleta Tumurug tas-7 ta' Ottubru 2002 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

**<u>Verzjoni attrici</u>**

Illi l-attur jibda billi jghid li ltaqa' mal-intimata assenti li kienet Malta b'visa meta kien ma' shabu. Wara ftit xhur, l-istess intimata kienet stqarret mieghu li l-visa taghha sabiex tghix hawn Malta kienet waslet biex tiskadi u ipproponietlu z-zwieg halli tkun tista' tghix Malta. Peress li l-attur kien kuntent bir-relazzjoni ta' bejniethom, mill-ewwel accetta, anke ghax xtaq li jibnu familja flimkien. Iz-zwieg sar u ghall-ewwel l-attur haseb li kollox kien sew. L-intimata min-naha taghha qaltlu li xtaqet li jipposponu d-decizjoni li jkollhom it-tfal u hu, ghalkemm xtaq hafna li jkollhom l-ulied, qabel li jistennew ftit sabiex jilhqu jfaddlu xi ftit. Ghadda z-zmien u l-attur beda jissuspetta li martu ma riditx tfal. Meta kkonfrontaha dwar dan, l-intimata ammettiet li ma riditx tfal u li anke qabel iz-zwieg, kellha din l-intenzjoni. Jghid li li kieku kien jaf b'din l-intenzjoni taghha, zgur li ma kienx jizzewwigha.

Fis-sena 2007, hekk kif ir-Rumanija saret parti mill-Unjoni Ewropea, l-intimata bdiet turi atteggjament differenti, tant li darba fost l-ohrajn irritorna d-dar u sab illi l-intimata kienet telqet ghal kollox u qatt ma regghet irritornat lura. L-uniku kuntatt li ghamel maghha kien ftit tal-gimghat wara fejn infurmatu li ma kienitx qieghda f'Malta u li ma kellha ebda intenzjoni li terga' tirritorna. Jaghlaq billi jghid li ilu ma jara lil martu ghal madwar hames snin.

**Verzjoni tal-Kuratur ghan-nom tal-intimata assenti**

Mohammed Gomaa bhala l-kuratur tal-intimata assenti jghid li sar jaf lill-istess intimata fil-lukanda fejn kienet tahdem l-istess intimata. Huwa jistqarr li l-intimata kienet qaltlu li kienet izzewget Malti minhabba li kienet ser tiskadilha l-visa u li kieku m'ghamlitx hekk, kienu ser ikeccuha minn Malta. Jghid ukoll li ha l-impressjoni li l-intimata kienet izzewget lill-attur mhux ghax kienet thobbu izda sabiex tibqa' tghix Malta. Jghid ukoll li ftit taz-zmien wara, l-intimata fethet qalbha mieghu u qaltlu li ma kienitx ferhana hawn Malta u li xtaqet tmur tghix f'pajjiz iehor. Ghalkemm ma kienx jaf li kienet ser tahrab minn Malta, ftit wara ghamlet kuntatt mieghu fejn infurmatu li ma kellha ebda intenzjoni li tigi lura. Jaghlaq billi jghid li baqa' in kuntatt maghha u li jaf illi prezentement ghandha relazzjoni ma' ragel iehor u minnu ghandha tlett itfal.

**Dwar Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tal-attur inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga**

Illi dwar dan l-Artikolu, ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor**[1] fejn gie dikjarat li "***Kwantu ghal "qerq" .... dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***". Imbaghad, permezz tas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine**[2] gie sostnut ukoll li "***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

[1] Deciza nhar id-9 ta' Dicembru 2002 mill- Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili
[2] Deciza nhar id-9 ta' Dicembru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Il-Qorti tirrileva li l-attur jibbaza l-argument tieghu dwar dan l-artikolu fuq il-fatt li skond it-tezi tieghu, l-intimata hbiet minnu (anke b'mod espressiv) li ma riditx tfal, meta nhbiet wara l-iskuza tal-postponiment meta fil-verita' qatt ma kellha l-intenzjoni li jkollha l-ulied. Huwa minnu li l-intimata ma taghtix il-verzjoni taghha dwar dan il-fatt tant importanti, izda mix-xiehda tal-kuratur li jirrapprezentaha, li jghid li minn dejjem kellu l-impressjoni li l-intimata izzewget lill-attur ghal ragunijiet ta' konvenjenza u xejn aktar, il-fatt li ma riditx tfal huwa aktar vero-simili kif ukoll il-fatt illi hbiet dan il-fatt biex l-attur jizzewwigha, specjalment in vista tal-fatt, li skond ix-xiehda tieghu (li il-Qorti thoss li m'ghandha ebda raguni valida ghaliex m'ghandhiex taghtiha kredibilita'), fejn jistqarr li l-intimata assenti kienet taf li l-attur xtaq li jkollu t-tfal. Jidher car li ghar-ragunijiet personali taghha, l-intimata ghazlet li titkellem fuq postponiment ta' tfal meta fir-realta' tali postponiment kien wiehed li fil-verita' jfisser li fiz-zwieg ma jkunx hemm tfal.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti thoss li l-intimata qarrqet bir-rikorrent meta hbietlu u zammet minnu aspett tant importanti fuqha u fuq il-hsieb taghha li wara kollox huwa wiehed mill-elementi necessarji taz-zwieg u

konsegwentement gie ippruvat li l-kunsens tar-rikorrent kien vizjat b'qerq kommess mill-intimata.

**Dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga**

Il-Qorti fl-ewwel lok tirrileva li mix-xiehda prodotta, jirrizulta bl-aktar mod car li z-zwieg bejn il-partijiet huwa rizultat ta' cirkustanzi fis-sens li dan iz-zwieg gie propost minhabba problemi ta' visa li kellha l-intimata u xejn aktar. Id-decizjoni da parti tal-intimata, li jidher li kienet hi stess li proponiet dan iz-zwieg, kienet wahda ta' malajr u bbazata fuq il-problema taghha biex tkun tista' tghix hawn Malta u xejn aktar. F'dan l-istadju il-Qorti trid necessarjament tistaqsi, x'kienet qed tahseb l-intimata fuq iz-zwieg? Kellha l-forma mentis bizzejjed biex tifhem x'verament jirrikjedi z-zwieg?

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi ippruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja***

***mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom*”.**

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph** “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tal-fatt li l-intimata ghamlet minn kollox biex tuza z-zwieg bhala mezz sabiex tkun tista’ tibqa’ hawn Malta legalment ma jurix li ma kellhiex id-*discretio judicii* sabiex verament taghti l-kunsens taghha. Anzi jfisser li rat iz-zwieg bhala mezz sabiex issolvi l-problemi taghha u xejn ma kien impurtaha mill-konsegwenzi. Dan ma jfissirx li l-intimata ma kienitx kapaci tahseb jew taghmel decizjoni matura dwar iz-zwieg innifsu izda li ghazlet li taghmel simulazzjoni tal-kunsens taghha (kif ser jigi diskuss aktar ‘il quddiem) sabiex tilhaq il-ghan taghha.

**<u>Dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg</u>**

Jirrizulta bl-aktar mod car mill-provi prodotti li l-intimata dahlet ghal dan iz-zwieg purament ghal ragunijiet ta’ konvenjenza u xejn aktar. F’dan il-kuntest din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi moghtija fil-kawzi fl-ismijiet **Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive**

**Mahmoud Ali Ibida**[3] **u Miriam Ramdan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**[4] fejn gie ritenut li:

"***Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament***".

Issir referenza wkoll ghas-sentenzi moghtija fil-kawzi fl-ismijiet **Mary Rose Abder Tahim vs Esam Abder Rahim**[5] u **Carmen El Shimi gia Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi**[6] fejn gie ritenut li:

"***Fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop tieghu uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija jew/ u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu***".

Il-Qorti, anke a skans ta' repetizzjoni, terga' taghmel referenza ghal dak citat aktar 'il fuq u terga' tirriafferma li l-fatt li l-intimata (u dan anke kif ikkonferma l-kuratur taghha) izzewget biss ghal ragunijiet ta' konvenjenza u xejn aktar. Kienet il-visa u l-problemi relatati li wassluha biex tipproponi z-zwieg lill-attur. Dan jghidu wkoll il-kuratur deputat in rapprezentanza tal-istess intimata assenti li jghid li kellu l-impressjoni li l-intimata zzewget mhux ghax kienet thobb l-attur izda minhabba l-visa. Fil-fatt il-Qorti tinnota li hekk kif pajjiz l-intimata sar parti mill-Unjoni Ewropea, din mall-ewwel iddecidiet li titlaq. Kienet kumbinazzjoni li hekk kif pajjizha sar membru qabdet u telqet? Il-Qorti hija konvinta li r-risposta ghal din il-

[3] Deciza nhar l-10 ta' Ottubru 1995 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[4] Deciza nhar is-16 ta' Jannar 1998 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[5] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 2000 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[6] Deciza nhar l-20 ta' Gunju 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

mistoqsija hija fin-negattiv. Min-naha tieghu l-attur kien migbud lejn l-intimata, anzi jghid li kien sar ihobbha u ghalhekk ma sab ebda diffikulta’ sabiex jaccetta li jizzewwigha.

Jirrizulta wkoll mill-provi li ghalkemm l-attur stqarr mal-intimata li xtaq l-ulied, hi hbietlu l-verita’ (u cioe’ li ma riditx l-ulied fiz-zwieg) meta ghall-ewwel proponiet li jipposponu l-prolazzjoni tal-ulied biex sussegwentement, stqarret mieghu li ma riedet ebda ulied. Il-fatt li l-kuratur jiddikjara li l-istess intimata llum il-gurnata ghandha tlett ulied minn ragel differenti jkompli juri kemm l-istess intimata ma kellhiex hsibijiet genwini fuq dan iz-zwieg ghaliex kien biss mal-attur li ma riditx tfal. Dan il-fattur ikompli jimmanifesta ruhu wkoll mill-fatt li l-attur kellu tali xewqa li jkollhom l-ulied izda kienet l-istess intimata li zammet lura. Ghaliex ma riditx tfal mill-attur (zewgha) u mbaghad ghazlet li jkollha tfal minn ragel iehor? Il-Qorti hija konvinta li dan kien biss ghaliex ghall-intimata dan kien biss zwieg ta’ konvenjenza u xejn aktar.

F’dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li “***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***”.

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg f’dan il-kuntest, l-attur irid necessarjament jipprova li l-intimata ghamlet simulazzjoni parzjali tal-kunsens taghha ghal dak li jirrigwarda l-prolazzjoni tal-ulied bhala wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg kif ukoll ghal dak li jirrigwarda z-zwieg innifsu li allura twassal ghal simulazzjoni. F’dan il-kuntest terga’ ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn

gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***". Mara li qabel iz-zwieg taghti impressjoni li riedet tipposponi l-prolazzjoni taz-zwieg meta fil-fatt riedet teskludi tali possibilita', tkun ghamlet simulazzjoni parzjali tal-kunsens taghha.

Mill-provi migjuba, il-Qorti hija moralment konvinta, u dan sal-grad rikjest mill-ligi, li l-kunsens ghaz-zwieg tal-intimata assenti kien vizzjat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg bejn il-partijiet null u bla effett fil-ligi abbazi tal-Artikoli 19(1)(c) u 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------